**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 477/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**JOSEPH AZZOPARDI**
**(ID: 20577M)**

**Illum, 27 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEPH AZZOPARDI** detentur tal-karta tal-identita' numru 20577M tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-23 ta' Mejju 2018 ghall-habta tat-15.30 ta' wara nofsinhar gewwa Anici Band Club, Triq Pinto, f'Hal Qormi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anthony Vella f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. Adrian Mifsud MD.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2019, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Rat illi minkejja dan, il-Qorti semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-piena erogabbli ghall-akkuza li jinsab mixli biha;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fis-27 ta' Marzu 2019, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni cioe` illi kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Vella.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-

ammissjoni saret fi stadju ferm bikri tal-kumpilazzjoni wara li din kienet finalment bdiet tinstema', ossia waqt l-ezami tal-istess imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9.

Qabel xejn, tibda billi tosserva illi l-parte civile Anthony Vella waqt l-udjenza tal-lum 27 ta' Marzu 2019, iddikjara tramite l-avukat difensur tieghu illi llum il-gurnata il-partijiet irrangaw id-differenzi kollha ta' bejniethom u huwa ma ghandux interess iktar f'din l-azzjoni.

Il-Qorti hadet ukoll qies tad-dikjarazzjoni li wkoll saret quddiemha mill-istess parte civile, debitament verbalizzata, illi l-griehi sofferti minnu ma ghadhomx vizibbli llum u ma jirrizultax l-isfregju kontemplat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm mic-certifikat mediku rilaxxat fit-23 ta' Mejju 2018 u esebit in atti[1], jirrizulta illi l-griehi kkagunati mill-imputat jikkonsistu f'feriti fuq wicc il-parte civile Anthony Vella - specifikatament f'ghajnu x-xellugija - dawn effettivament ma humiex griehi ta' natura gravi fis-sens imfisser mill-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9. Madanakollu, dawn il-feriti, galadarba jinsabu fuq il-wicc u l-imputat ammetta ghall-akkuza li kkaguna griehi ta' natura gravi, ghandhom jitqiesu bhala feriti ta' natura gravi ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b) skont kif del resto gie dikjarat quddiem il-Qorti mill-partijiet kollha prezenti waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu 2019.

In konkluzjoni, il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li ghalkemm mhijiex wahda netta, certament ma tistax titqies bhala wahda oneruza, talanqas in kwantu ghan-natura tar-reati li taghhom l-istess imputat kien instab hati.

Ghaldaqstant, ghalkemm ghall-imputazzjoni odjerna li taghha l-imputat qed jinsab hati, tinghata piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin skont l-

[1] A fol. 7.

Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twahhal piena. Izda tqis li minflok, ghandha taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' tliet snin.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil JOSEPH AZZOPARDI hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**